**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors numru : 240/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

**ILLI** l-kontendenti żżewġu nahar is-sebgħa (7) ta' Awwissu elf disgħa mija u disgħa u disgħin (1999);

**ILLI** l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott Joseph Debono datat għaxra (10) ta' Ottubru elfejn (2000) Dok A.

**ILLI** minn dana ż-żwieġ, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

**ILLI** ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;

**ILLI** ma hemm l-ebda propsett ragionevoli illi ikun hemm rikonċiliazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jgħixu separatament, presenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;

**ILLI** l-fatti su riporati jissodisfaw il-kwesiti għall ottjeniment tal-ħall miż-żwieġ a tenur ta' artikoli 66A *eq seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

- **TIPPRONUNZJA** d-divorzju bejn il-kontendenti;

- **TORDNA** lir-reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien kontemplat jinnotifka lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat bil-gurament tieghu jikkkonferma li ma ghandux oggezzjoni ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Ottubru, 2000;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.